MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 584/2003

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Marguerita Ebejer u l-istess Marguerite Ebejer**

**Vs**

**Emanuel Vassallo**

**It-Tribunal**

**Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta Marzu, 2003 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta' Lm713.50 (sebgha mija u tlettax il-lira maltin u hamsin centezmu) bhala hlas ghal-danni konsegwenza ta' incident awtomobilistiku.**

**Din hija istanza fejn l-atturi qed jitolbu l-kundanna tal-konvenut ghal risarciment ta' danni komplessivi fl-**

**ammont ta' seba' mija u tlettax-il lira u hamsin centezmu (Lm713.50) (Lm613.50 lis-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm100 lil Marguerite Ebejer) minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara Lija fit-30 ta' Mejju, 2002, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru. CBE 772 habat mal-vettura Nru. CBF 686, propjeta' tal-attrici Marguerite Ebejer u misjuqa minnha, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.**

**Oltre id-danni u l-ispejjes tal-kawza, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki u zieda) tad-19 ta' Novembru, 2002 u l-ispejjes tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghax legali b'effett mid-19 ta' Novembru, 2002 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes, billi l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma' garax tort u htija ta' l-esponenti, izda gara unikament tort u htija ta' Marguerite Ebejer, l-assikurat tas-socjeta' attrici u dana kif sejjer jigi pruvat waqt il-kawza.**

**Salve eccezzjonijiet ohra.**

**Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti.**

**Ikkonsidera:**

**Illi hawn si tratta ta' kollizzjoni bejn trakk u vettura zghira f'dik il-parti li tidjieq hekk kif wiehed jitlaq ir-roundabout ta' Hal-Lija fid-direzzjoni tal-Mosta. Iz-zewg versjonijiet moghtija miz-zewg xufiera huma t-tnejn verosimili, u t-tnejn accettabbli fic-cirkostanzi attwali. Min fejn giet il-vettura assigurata mas-**

**socjeta' attrici, il-konvenut qatt ma seta' jara. Gietu mill-blind corner, minn tahtu, u possibilment jara mill-mera tax-xellug. Aktar u aktar meta huwa ghola minnha bejn sitt u tmien filati. Jista jkun li huwa ssikaha u tefaghha fuq ix-xellug.**

**Minn naha l-ohra, jista' jinghad ukoll illi bhala vettura ferm izghar mit-trakk, hija ppruvat taqbzu minn fuq ix-xellug tieghu. Aktar u aktar meta hija ferm aktar veloci mit-trakk li kien qed jigbed skip. Ghamlet kalkolu hazin ta' velocita u spazju u spiccat 'sandwich' bejn it-trakk u l-bankina.**

**Illi huwa principju bazilari li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei vegat. Dan l-oneru jingombi fuq l-attur fuq bazi ta' probabilita' ta' bilanc ta' probabilitajiet. In vista tas-suespost, it-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni li dan id-dover ma giex skarigat mill-atturi.**

**Jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, jilqa' l-eccessjonijiet tal-konvenuta u in vista tac-cirkostanzi kif suespost, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------